MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 1205/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Maria Mollie Spiteri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba’ mija u erbgha u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm484.10) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 578394 (skond kif jirrizulta mill-istatement Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond numru Flat 4, Sunshine Court, Triq is-Sallur, Qawra u dana skond ma kif jidher mill-anness service agreement Dok B (CN 1032523).

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ April 2000 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti a fol 2 u a fol 3 kif ukoll fol 9, fol 12 ‘a tergo’ kif ukoll fol 20, fol 21, fol 22 u fol 26 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fid-19 ta' Jannar 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm484.10,0 bl-imghax legali mis-sitta (6) ta’ April 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tas-sitta (6) ta’ April 2000 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------